TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. ATEM

Seduta tal-Gimgha 1 ta' April 2016

Avviz Numru 7/2016 (KM)

Joseph Rapa

Vs

Josephine Warren.

**It-Tribunal**

Ra' l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallsu s-somma ta' tlett elef mija u ghoxrin Ewro (€ 3120) prezz ta' ikla ghal tieg mhejjija lilha fuq inkarigu taghha fir-ristorant tieghu. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra' r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha hija eccepiet (1) l-intempestivita ta' l-azzjoni attrici stante illi l-attur naqas minn li jaghti kont dettaljat (breakdown) minkejja li gie mitlub jaghmel dan; (2) illi l-gudizzju mhux integru ghaliex il-kawza riedet ukoll issir fil-konfront ta' Charlotte Meyer (3) illi fit-tielet lok l-ammont reklamat huwa wiehed eccessiv (4) illi l-ikel u s-servizz ma kienx tal-kwalita mifthema.

Ra' d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra' d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas-seduta tal-hmistax (15) ta' Marzu 2016 li permezz tieghu din l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma semplici. Il-konvenut gie moghti inkarigu sabiex jipprepara ikla ghal unjoni civili li sehhet bejn il-konvenuta u sehbitha. Din l-unjoni Civili saret fir-ristorant tal-attur.

Jirrizulta illi siehbet l-konvenuta hija koka u ghalhekk kien hemm insistenza partikolari dwar il-kwalita ta' l-ikel. L-attur jghid illi saru diversi laqghat qabel l-ikla u sahansitra kien gie preparat kampjun tal-ikel biex jigi ppruvat. Anke biex l-ikel jilhaq il-livelli mixtieqa xi ingredjenti gew suppliti minn l-istess konvenuta u sehbitha. L-ikla kienet ghal sittax il-ruh biss. L-attur jghid illi l-ikel intghogob tant illi xi jiem wara t-tieg huwa rcieva rigal bhala kumpliment minn ghand l-attrici u sehbitha.

Min naha l-ohra l-konvenuta taghti verzjoni ferm differenti ta' l-affarijiet. Tghid illi l-ikel kien hazin ferm u mhux tal-kwalita mixtieqa. Frankament l-konvenuta taghti l-impressjoni illi l-ikla kienet dizastru mill-bidu sat-tmiem. Tghid illi mhux minnu illi l-attur kien prepara kampjun.

L-ewwel eccezzjoni hija dik ta' l-intempestivita ta' l-azzjoni ghaliex l-attur ma tax kont iddettaljat. Dan it-Tribunal ma jaqbilx ma din l-eccezzjoni. Huwa minnu illi l-kont ta' l-attur huwa skars ghal l-ahhar u wiehed li ser ihallas normalment jippretendi xi ftit aktar dettalji, izda jibqa' fatt illi l-attur ghadda kont lil konvenuta; izda din xorta wahda baqghet inadempjenti u lanqas biss hallset xi parti li fl-opinjoni taghha kienet inkontestata. Ghalhekk din l-eccezzjoni qet tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni cioe' dik tan-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju stante illi ma gietx imharrka l-parti l-ohra f'din l-unjoni civili ukoll ser tigi respinta. F'kaz fejn debitu hu solidali bejn tnejn min-nies jew aktar ma hemm l-ebda obbligu fuq il-kreditur illi jharrek lil partijiet l-ohra u huwa legalment sufficenti li jharrek biss wahda mill-partijiet. Ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

Ir-raba' eccezzjoni cioe' li l-ikel u s-servizz ma kienux tal-kwalita mifthema, ser tigi trattata qabel it-tielet wahda. Il-konvenuta fix-xhieda taghha tipprova kemm jista jkun tkerrah lill-attur u lis-servizzi tieghu. Dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubbju li l-attur ha pacenzja mhux hazin biex prepara u hejja din l-ikla ghal persuni li jistghu jigu deskritti bhala perfezzjonisti. Dan it-tribunal jemmen lil attur meta dan qal li sahansitra gie mitlub jpprepara kampjun tal-platti li kienu ser jigu servuti. Fix-xhieda taghha l-konvenuta aktar tidher li kienet determinate biex toskura lil attur b'aggettivi u b'allegazzjonijiet bhal li rat il-hut go balla silg go sink li hi tiddeskrivi mahmug, minn li biex tohrog il-verita'. Fi kliem iehor dan it-Tribunal ma huwa xejn konvint mix-xhieda ta' l-attrici u bil-mod kif xhedet ma jhossx li ghandu jaffida hafna kredibilita fil-verzjoni taghha. It-Tribunal jinnota illi l-konvenuta laqnas hasset li kellha tipproduci lil sehbita sabiex tixhed meta jinghad illi sehbita hija koka kwalifikata. Kieku verament l-ikla kienet daqstant hazina, l-konvenuta u sehbita ma kienux ser jaghtu rigal b'kumpliment lill-attur. Ghalhekk l-eccezzjoni illi ghandu jsir xi tnaqqis ghaliex l-ikel ma kienx ta' kwalita' qed tigi rigettata.

L-konvenuta tilmenta wkoll illi l-kont kien wiehed esegerat. Mad-daqqa t'ghajn l-kont jidher wiehed gholi mhux hazin meta ikla ghal sittax-il ruh minghajr il-bibiti giet tiswa tlett elef mija u ghoxrin Ewro (€ 3120) u meta parti minn l-ingredjenti gew suppliti mill-konventa u sehbita stess. Kif gia intqal aktar il-fuq l-mod kif gie redatt il-kont ma tantx

hu felici. L-attur jiggustifika l-prezz mitlub billi hu jghid illi r-ristorant tieghu huwa wiehed ta' klassi. Minn daqqa t'ghajn lejn ir-ritratti tal-menu illi l-attur ghandu mwahhal fuq barra tal-lok tieghu u li gew esebiti mill-konvenuta jidher illi l-prezzijiet huma attribwibbli lil ristorant ta' klassi izda xorta l-prezz ta' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) ir-ras minghajr il-bibiti huwa xi ftit qawwi, mqabbel mal-prezzijiet fuq il-menu, anke jekk il-preparazzjoni tal-platti fil-kaz in ezami kienet tirrekjedi xi ftit tal-pacenzja.

Dan it-Tribunal jemmen illi prezz bhal dak mitlub ta' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€ 125) ir-ras kellu jinkludi l-prezz tas-servizz, bhal ma di piu huma l-prezzijiet fuq il-menu. Jemmen illi l-attur qed jitlob iz-zejjed meta ma prezz tant serju zied il-pagi tal-haddiema u t-Taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-istess pagi, taxxa li legalment ma kienitx dovuta fuq pagi. Dan it-Tribunal ihares b'ghajn suspettuza lejn il-fatt illi l-attur naqas minn li jaghti rezokont tas-sighat li nhadmu mill-haddiema u r-rati rispettivi, izda qabad pogga somma arrotondata u klassifika bhala 'wages'.

Dan it-Tribunal jemmen illi jkun qed jilhaq bilanc gust u ekwu fid-drittijeit tal-partijiet jekk jikkonsidra illi s-servizz konsistenti fil-pagi tal-haddiema ikun inkluz fil-prezz ta' mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€ 125) kull persuna. Ghalhekk ser jghaddi biex inaqqas kemm din is-somma mill-kont kif ukoll it-taxxa fuq il-Valur Mizjud fuqha.

Ghaldaqstant l-kont irid jonqos bis-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€ 575) kif ukoll bis-somma ta' mija u tlett ewro u hamsin centezmu (€ 103.50). Dan ghal total ta' sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€678.50). Dan ihalli bilanc dovut favur l-attur ta' elfejn erba mija u wiehed u erbgin Ewro u hamsin centezmu (€2441.50).

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' in parti t-talbiet ta' l-attur, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta hlief ghat-tielet wahda; jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn erba mija u wiehed u erbgin Ewro u hamsin centezmu (€2441.50). Bl-imghaxijiet dikorribli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz. L-ispejjes fic-cirkostanzi jitbghatew kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenuta u kwart minn l-attur.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur